**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 706/2017**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Carmelo Zerafa**

Illum 17 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Carmelo Zerafa** detenur tal-karta tal-identita Maltija **626357M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Fil-5 ta' Novembru 2016 għal-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu ġewwa Marsaxlokk mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, hebb għal Joseph Zerafa u kkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skont ma ċċertifika Dr. Juan Ellul Pirotta tal-isptar Mater Dei liema ġrieħi jistgħu jġibu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess ħin u lok u ċirkostanzi hebb għal-imsemmi Joseph Zerafa sabiex jinsulentaħ, iweġġgħu jew jagħmillu ħsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-artikolu 338(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħareġ mill-barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Joseph Zerafa u sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Joseph Zerafa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Novembru 2024, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmelo Zerafa sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u filwaqt li illiberatu mit-tieni, tielet u raba imputazzjoni stante li huma preskritti kkundannatu għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perijodu ta' erba' snin. Kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kap 9 imponiet Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat Carmelo Zerafa li ġie prekluż milli jkellem jew javviċina lil Joseph Zerafa għal perijodu ta' sentejn mis-sentenza u ordnatlu jħallas l-ispejjez relatati mal-ħatra ta' esperti li jammontaw għal €838.04.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Carmelo Zerafa, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Diċembru 2024 , fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha l-akkużat esponenti instab ħati tal-ewwel akkuża, billi ma ssibux ħati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha minn kull ħtija u konsegwenti piena u tirrevoka l-Ordni tat-Trazzin li l-Qorti tal-Maġistrati infliġiet fuq l-akkużat filwaqt li tikkonferma r-rimanenti parti tas-sentenza fejn astenjiet milli tieħu konjizzjoni tal-akkużi l-oħra stante li huma preskritti.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:

Daniel Zerafa iben l-akkuzat kien fil-garage ta' missieru flimkien ma' haddiema jinstalla CCTV cameras meta kuginuh u iben il-kwerelant dahal flimkien ma missieru l-kwerelant fl-istess garage jagredixxu l-ewwel verbalment u wara fizikament lil Daniel Zerafa li min-naha tieghu cempel lil missieru billi l-garage huwa tieghu. Meta gie l-akkuzat u dahal fil-garage sab lil huh it-kwerelant u ibnu, li hu black belt fl-arti marzjali, imqabbdin mat-tifel tieghi Daniel. Hu mar fuqhom biex jaqlaghhom minn fuqu. Iben il-kwerelant qabez fuq l-akkuzat waqt li dan kien qed jaqla lil huh minn fuq ibnu bil-konsegwenza li waqghu mal-art. Meta qam l-akkuzat ra d-demm. Il-pulizija waslu fi ftit hin u ma hallewlil hadd jitlaq. Gie allegat li l-akkuzat uza hadida biex attakka lil huh imma saret tfittxija u l-hadida ma nstabitx.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat riassunt tajjeb hafna tal-kif graw il-fatti u l-verzjonijiet illi kellha quddiemha. Kellek il-verzjoni tal-kwerelant u ibnu u l-verzjoni tal-akkuzat appellant u ibnu li giet ikkorroborata mill-haddiema li kien hemm jahdmu fil-fond de quo.

Kwindi meta l-Qorti tara l-assjem tal-provi kollha migjuba quddiema u tevalwhom, trid tara li ma hemmx dubju ragjonevoli biex issib htija fl-imputat. Fi ftit kliem il-mistoqsija li l-Qorti trid tistaqsi lilha innifisha meta tkun se tasal ghal gudizzju taghha hi jekk persuna ta' gherf u dehen ragjonevoli jasalx ghal htija o meno tal-akkuzat.

Fil-kaz odjern hemm zewg verzjonijiet djametrikament opposti. Il-verzjoni tal-kwerelant li jghid kif skond hu l-akkuzat gie minn warajh u tah daqqa ta' hadida fuq rasu waqt li kien qieghed wiccu lejn Daniel Zerafa. Din il-verzjoni jikkorroborha iben l-akkuzat.

Min naha l-ohra l-akkuzat ghandu verzjoni ohra fejn hu dahal biex jaqla lil huh minn fuq ibnu Daniel u wara li Matthew qabez fuqu dawn waqghu ma l-art u l-kwerelant probabbilment habat rasu.

Illi l-Qorti ghalhekk trid tara mill-assjem tal-provi jekk il-verzjoni tal-kwerelant ghandhiex titwemmen lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Illi bid-dovut rispett kollu l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni zewg elementi importanti biex tasal ghad-decizjoni taghha.

Fl-ewwel lok, mill-provi irrizulta illi il-pulizija waslu fuq il-post fejn sehh l-akkadut qabel ma l-partijiet involuti telqu mill-post. Fil-fatt hareg mix-xhieda illi iben l-akkuzat kien fil-karozza meta waslu il-pulizija li hadulu c-cwievet biex ma jiccaqlaqx. Fis-sentenza taghha il-Qorti tghid li ma saritx tfittxija ghall-allegata hadida li skond il-kwerelant intuzat biex garrab il-ferita. Dan ma hux minnu stante li l-pulizija fittxew fuq il-post u anki fil-vettura tal-akkuzat u t-tifel tieghu imma din il-hadida ma dehret imkien.

Kwindi, tenut kont tal-fatt illi l-pulizija waslu mal-ewwel qabel ma xi hadd mill-persuni ivoluti lahaq telaq minn fuq il-post tal-akkadut, ifisser li jekk kien hemm hadida involuta, l-akkuzat jew ibnu ma setghux jilhqu jiddisponu minnha u ghalhekk fit-tfittxija mill-Pulizija li saret dak il- hin stess kwazi *a tempo vergine*, din il-hadida, kieku vera ezistiet kellha tirrizulta u tinstab jew fil-post tal-incident jew fil-vetturi tal-akkuzat jew ibnu.

Il-fatt li l-allegata arma li intuzat biex jitwettaq l-allegat delitt ma nstaghbitx minkejja li t-tfittxija saret a tempo vergine kellu jkollu piz akbar fl-evalwazzjoni tal-Qorti dwar id-dubju ragjonevoli. Kif il-Qorti kellha taghti aktar piz ghall-kunsiderazzjoni li ghamlet fuq ezami tal-provi ghall-fatt illi l-flokk tal-akkuzat ma giex ezebit u li ma kien hemm l-ebda filmat tal-akkadut.

Illi din tal-ahhar hija importanti stante li iben il-kwerelantipprezenta sett ta' filmati mehudha mis-CCTV li ghandhom imwahhal fil-garage li juzaw huma adjacenti ghall-garage fejn sehh l- akkadut u kif ukoll filmat li hu ha mill-mobile tieghu.

Illi jidher li Matthew Zerafa beda qabel. Dan ifisser haga wahda okkupati jaggredixxi lil Daniel u akkuzat. jigbed bil-mobile tieghu wara li missieru safa ferut u mhux meta

kienu hu u missieru ma' Daniel Zerafa kellu idejh li meta dahal l-akkuzat idejh kienu okkupati jagredixxu lill-

Illi ghalhekk meta wiehed jiehu in kunsidrazzjoni dawn iz-zewg elementi, jinholoq aktar milli semplici dubju ragjonevoli fuq jekk il-verzjoni tal-kwerelant ghandhiex titwemment jew le u dan stante li l-arma li il-kwerelant allega li intuzat ma nstaghbitx u fejn iben il-kwerelant kellu tul ta' videos jigbed dak li gara wara l-akkadut, ma kienx qed jigbed video mill bidu li dahal flimkien ma' missieru fil-garage tal-akkuzat;

2. Illi l-Qorti naqset ukoll tikkunsidra element importanti li tpogga a konjizzjoni taghha waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Il-kwerelant fil-verzjoni tieghu u kif ikkorroborha ibnu stess, qal li l- akkuzat gie minn wara l-kwerelant u tah daqqa ta hadida meta l-kwerelant kellu dahru lejn l- akkuzat.

Illi meta wiehed jezamina l-ferita li sofra il-kwerelant, din tinsab fuq in-naha ta' quddiem u xellug ta’ ras il-kwerelant. Il-fatt stess li tinsab fuq quddiem tan-naha tax-xellug ta' rasu, wiehed jifhem li minn kif inhi l-ferita, min taghtielu kellu jkun quddiemu u juza idu l-leminija.

Illi l-akkuzat huwa lemini, pero skond il-verzjoni tal-kwerelant gjaladarba l-akuzat kien warajh, qatt ma jista’ jkun li b'daqqa moghtija minn xi hadd lemini, minn wara, kien se jikkaguna ferita fuq in-naha tax-xellug u fuq quddiem ta' ras il-kwerelant. Semmai il-ferita kienet tkun fuq in- naha ta' warau tal-lemin tal-kwerelant.

Illi di piu, skond il-verzjoni tal-kwerelant intuzat hadida, anki li kieku l-akkuzat kien xellugi, ma seta qatt jolqtu fuq quddiem ta' rasu imma d-daqqa kienet tkun fuq wara.

Illi dawn l-elementi mghaduda mal-kumplament tal-provi, joholqu aktar minn semplici dubju ragjonevoli jekk il-verzjoni tal-kwerelant hijiex veritjera jew le. Huma elementi illi l- Qorti ma tatx kas, u aktar minn hekk, iddikjarat illi ma sarits tfittxija ghall-arma meta fil-fatt din it-tfittxija saret;

Illi *di piu*, il-Qorti skartat ukoll il-possibilita illi il-ferita li sofra minnha Joseph Zarafa setghet giet ikkagunata anki permezz ta' waqa' u mhux bil-fors daqqa b'xi haga iebsa kif xehed l-espert mediku li ma eskludiex li l-ferita setghet saret bil-waqa'.

3. Illi il-Qorti meta waslet ghas-sentenza ma haditx in konsiderazzjoni li l-incident sehh. minhabba provokazzjoni tal-*parte civile* u ibnu li qabdu u hebbew ghall-iben l-akkuzat li kien ghall-affarijiet tieghu fil-garage taghhom. Li kieku il-parte civile u ibnu ma dahlux fil-garage tal- akkuzat u attakkawh dan l-incident ma kienx isehh. L-akkuzat jekk kellu xi dritt jew xi ilment kontra huh, missu mar jirraporta lill-awtoritajiet u uza avukat tal-fiducja tieghu u mhux qabad u dahal fil-proprjeta tal-akkuzat bl-intesa cara li johloq l-inkwiet. L-akkuzat iddefenda lill-ibnu mill-attakk li kemm il-*parte civile* u ibnu ghamlu u xejn aktar. Ma kienx hu li attakkhom jew ipprovokhom imma iddefenda lill-ibnu li kien qed ikun aggredit minn 2 persuni. Il-*parte civile* ma jistghax jigi jilmenta u jilghabha tal-vittma ghax wegga f'incident li ipprovoka, beda u kompla.

Illi stante din il-provokazzjoni, anki il-piena inflitta, ghalkemm gie applikat l-artikolu 28A tal- Kap 9, hija ezagerata ghax ma kien hemm l-ebda premeditazzjoni da parti tal-akkuzat imma il- ferita fuq il-kwerelant giet inflitta kawza ta' incident li sehh per konsegwenza tal-attakk li il- kwerelant u ibnu ghamlu fuq iben l-akkuzat. Dan kollu l-ewwel Qorti injoratu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tas-sitta (6) ta' Frar elfejn ħamsa u għoxrin (2025).

Illi fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Mejju elfejn ħamsa u għoxrin (2025) il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom u l-appell ġie differit għas-sentenza għas-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025).

**Ikkunsidrat.**

Illi dan l-appell huwa imsejjes prinċipalment fuq żewġ binarji u ċjoe' apprezzament żbaljat tal-provi tal-Ewwel Qorti fid-dawl tal-fatt li kien hemm xhieda konfliġġenti kif ukoll fid-dawl ta' kif saret il-ġerħa fuq il-*parte civile* u lanjanza fuq il-fatt illi l-ewwel qorti ma ħadietx in konsiderazzjoni l-fatt illi kien hemm provokazzjoni tal-*parte civile.*

Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta," *principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **Il Pulizija vs. Joseph Zahra**[1] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Kif qalet il-kawza "**Il-Pulizija vs Carmelo Schembri**" deciza minn din il-Qorti doversament preseduta nhar it-28 ta' April, 1995 "*........fi kliem iehor, l-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tirrimpjazjax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha".*

[1] Deciz nhar l-10 ta Mejju 2002

Forsi hawnhekk huwa opportun li jiġi ripurtat dak li qal **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawża **R vs Cooper**[2] in konnessjoni mal-artikolu tal-Liġi Ingliża S.2(1)(a) tal-(Criminal Appeal Act 1968) :-

> *"……. assuming that there is no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcripts of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*

Dan ifisser kwindi illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setgħetx raġjonevolment tasal għal konklużżjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konklużjoni.

Din il-Qorti wara li għamlet l-apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti m'għandhix dak "*lirking doubt as to whether an injustice may have been done*[3] ".

Illi mill-atti jirriżulta li Daniel Zerafa kien jinsab fil-garaxx ta' missieru flimkien ma' żewġ ħaddiema li kienu qed jinstallaw sistema ta' CCTV. F'mument minnhom, niżel fuq il-post Matthew Zerafa. Kien hemm xi kwistjonijiet ċivili bejn il-familja tal-parte civile u l-familja tal-imputat. Dan wassal biex qam argument bejnu u Daniel Zerafa. Xi ftit tal-ħin wara, mar fuq il-post Joseph Zerafa – il-parti ċivili – biex jara x'kien qed jiġri. Huwa jgħix fil-viċin.

---

[2] 1969

[3] Deciz 24 ta April 2025 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

F'dak il-mument, iż-żewġ ħaddiema kienu għadhom jaħdmu fuq il-post u semgħu ħafna għajjat, kemm qabel kif ukoll meta niżel Joseph Zerafa. Minħabba dan il-ġlied, il-ħaddiema waqfu minn taħt ix-xogħol, qabdu l-għodod tagħhom u telqu, għalkemm qalu li ma rawx x'ġara eżatt ħlief li semgħu l-istorbju u l-għajjat.

Dwar dak li ġara eżattament waqt l-inċident, ġew ippreżentati żewġ verżjonijiet kontrastanti. Skont Joseph Zerafa, waqt l-argument Carmelo Zerafa, l-imputat, qabad biċċa ħadid u tah daqqa fuq rasu, li kkawżatlu ferita. Din il-verżjoni ġiet ikkonfermata minn ibnu, Matthew Zerafa.

Min-naħa l-oħra, Daniel Zerafa rrakkonta storja kompletament differenti. Hu qal li meta niżel missieru Carmelo fuq il-post, Joseph u Matthew Zerafa bdew jattakkawh, u hu kien qed jipprova jferraqhom. F'dik is-sitwazzjoni, Matthew tela fuq dahar missieru u waqqgħu mal-art, u anke Joseph Zerafa waqa'. Wara dan, kollha ħarġu fit-triq fejn komplew jargumentaw sakemm waslu l-pulizija.

Carmelo Zerafa, li għażel li jixhed, qal li hu wkoll waqa' mal-art meta Matthew Zerafa tela fuqu, u qal li kellu anke demm ma' xufftejh bħala riżultat tal-inċident.

Illi l-ewwel Qorti semgħet ix-xhieda direttament u eżaminat l-komportament korporju tagħhom, il-Qorti ta' l-Appell trid toqgħod attentament milli tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-ewwel Qorti, jekk din tal-aħħar ma tkunx żbaljata b'mod ċar jew irraġonevoli.

Illi l-imputat kompla billi jipprova jargumenta li l-ġerħa li għandu l-*parte civile* ma hijix kompatibbli mal-mod kif l-parte civile u ibnu spjegaw l-inċident u l-fatt li l-espert mediku ma eskludix li l-ferita' setgħet saret b'waqa'.

Illi l-fatt waħdu li l-espert mediku ma setgħax jeskludiha ma jwassalx awtomatikament għal fatt li l-ferita seħħet proprju kif qiegħed jallega l-imputat. Ix-xhieda tal-parte civile u ta' iben il-*parte civile* jikkombaċaw perfettament u huma ferm dettaljati filwaqt li x-xhieda tal-imputat u ta' iben l-imputat huma anqas dettaljati u aktar evażi.

Għalhekk dan l-aggravju dwar apprezzametn zbaljat ta provi qiegħed jiġi miċħud.

Illi t-tieni aggravju huwa imsejjes fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti meta waslet għad-deċiżjoni tagħha ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-*parte civile* ipprovoka lill-imputat.

Illi huwa ovvju u ċar li kien hemm argument. Biss pero' ma hemmx prova ċara li kien hemm xi att mill-parte civile li pprovoka lill-imputat sabiex jsofri ġerħa ta' natura gravi fuq rasu. Di piu' se mai provokazzjoni mhux raġuni li toħloq eskjalzjoni.

Illi tenut kont ta' kollox ir-reazzjoni tal-appellant żgur lanqas hija proporzjonata ma l-allegata provokazzjoni mwettqa mill-parti leża. Illi dwar it-test applikabbli din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Darren Micallef** (Numru 532/2014) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Il-provokazzjoni bħala difiża huwa regolat bil-proviso tal-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi test oġġettiv għal sitwazzjoni bħal din. Il- Professur Mamo fin-Noti tiegħu (paġna 241) jikkummenta: "The test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self-control, not whether it was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged ...".*

Illi hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005: It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not*

*interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti

kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li lewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, linteressi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati.*

*F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-Ligi u ma hemm l-ebda raġuni 'l għaliex għandha tiddipartixxi mill-ġudizzju ta' l-ewwel Qorti u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-appell qed jiġi miċħud w s-sentenza appellata konfermata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**